MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 940/2009

***Xuereb Installations Company Limited***

***Versus***

**Rosario Tabone u Claudia Spiteri Sacco**

1. F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex it-twettiq ta’ wegħda ta’ bejgħ.

2. Fissret illi b’kitba tal-1 ta’ Ġunju 2009 il-konvenuti ntrabtu li jbigħulha l-*garage* numru 5, parti minn kumpless ta’ ħames *garages*, fi Triq ta’ Xmiex, Msida, bil-prezz u bil-pattijiet stipulati fl-istess kitba, fosthom illi l-kuntratt jiġi pubblikat sa tliet xhur mill-1 ta’ Ġunju 2009. Billi għalxejn l-attriċi, b’ittra uffiċjali tal-31 ta’ Awissu 2009, sejħet lill-konvenuti biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgħ-u-xiri, hija fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti (i) tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt sabiex jittrasferixxu lill-attriċi l-proprjetà msemmija fil-konvenju tal-1 ta’ Ġunju 2009, bil-prezz u bil-pattijiet l-oħra stipulati

fl-istess konvenju, u (ii) taħtar nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relativ u kuratur sabiex jidher f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Awissu 2009.

3. B'nota tal-1 ta' Ottubru 2010 il-konvenuti ammettew it-talbiet tas-soċjetà attriċi,

4. Il-qorti għalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuti taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt sabiex ibigħu lill-attriċi l-proprjetà msemmija fil-wegħda ta' bejgħ-u-xiri tal-1 ta' Ġunju 2009, bil-prezz u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma fl-istess kitba tal-1 ta' Ġunju 2009, taħtar lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jirċievi u jippubblika l-att relativ fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2010 fl-10.00 *a.m.*, u taħtar ukoll lill-Avukat Kevin Camilleri Xuereb bħala kuratur sabiex jidher f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża u d-dritt tal-kuratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------